Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-1 ta' Marzu 2012

fir-rigward tal-miżuri ta' emerġenza li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid tal-*Anoplophora chinensis* (Forster)

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 1310)

(2012/138/UE)

(ĠU L 64, 3.3.2012, p. 38)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' 2014/356/UE Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2014	L 175	38	14.6.2014

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-1 ta' Marzu 2012

fir-rigward tal-miżuri ta' emerġenza li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid tal-*Anoplophora chinensis* (Forster)

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 1310)

(2012/138/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara [għall-pjanti] jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari r-raba' sentenza tal-Artikolu 16(3), tagħha,

Billi:

(1) Mill-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/840/KE tas-7 ta' Novembru 2008 dwar miżuri ta' emerġenza għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) ([2]), b'mod ġenerali, b'kunsiderazzjoni tat-tifqigħat u s-sejbiet riċenti rrappurtati mill-Ġermanja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit b'mod partikolari, u l-esperjenzi marbuta mal-qerda tagħhom, ħarġet il-ħtieġa għal modifika tal-miżuri pprovduti f'dik id-Deċiżjoni. Fl-interess taċ-ċarezza u fid-dawl tal-portata ta' dawk il-modifika u ta' modifiki preċedenti, huwa xieraq li d-Deċiżjoni 2008/840/KE tinbidel.

(2) Fit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE, *Anoplophora chinensis* (Thomson) u *Anoplophora malasiaca* (Forster) huma elenkati, għalkemm iż-żewġ denominazzjonijiet ikopru speċi waħda li għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni hija deżinjata bħala *Anoplophora chinensis* (Forster), minn issa 'l quddiem "l-organiżmu speċifikat" bħal fid-Deċiżjoni 2008/840/KE.

(3) B'kunsiderazzjoni tal-esperjenza miksuba, ċerti speċijiet ta' pjanti li ma kinux koperti mid-Deċiżjoni 2008/840/KE għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni filwaqt oħrajn li kienu preċedentement koperti għandhom jiġu esklużi. Pjanti u frieġħi għat-tilqim li z-zokk jew l-għonq tal-għerq tagħhom jinsab taħt ċertu dijametru ma għandhomx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni. Ċerti definizzjonijiet għandhom jiġu inklużi sabiex itejbu ċ-ċarezza u l-leġibbiltà.

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 300, 11.11.2008, p. 36.

▼B

(4) Fir-rigward tal-importazzjonijiet, id-dispożizzjonijiet għandhom iqisu l-istat fitosanitarju tal-organiżmu speċifiku fil-pajjiż tal-oriġini.

(5) Minħabba l-esperjenza ta' kunsinni infestati li joriġinaw fiċ-Ċina, l-importazzjonijiet dan il-Pajjiż għandhom isiru skont dispożizzjonijiet speċjali. Peress li l-biċċa l-kbira tal-interċezzjonijiet dwar pjanti speċifiċi impurtati miċ-Ċina ġew irrappurtati fuq pjanti ta' *Acer* spp., ikun xieraq li l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni tagħhom tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' April 2012, kif kien ġie stipulat qabel.

(6) It-trasport tal-pjanti fl-Unjoni għandu jiġu pprovdut.

(7) L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġiet annwali u jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bir-riżultati tagħhom. Għandha ssir dispożizzjoni għan-notifika f'każijiet fejn l-organiżmu speċifikat jitfaċċa fi Stat Membru jew f'parti ta' Stat Membru, fejn il-preżenza tiegħu ma kinitx magħrufa qabel jew fejn kien maħsub li nqered. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi skadenza ta' ħamest ijiem għan-notifika dwar il-preżenza tal-organiżmu speċifikat sabiex jippermetti li tittieħed azzjoni minnufih fil-livell tal-Unjoni, skont kif ikun xieraq.

(8) Sabiex jeqirdu l-organiżmu speċifiku u jipprevjenu l-firxa tiegħu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu żoni demarkati u jieħdu l-miżuri meħtieġa. Bħala parti mill-miżuri tagħhom, l-Istati Membri għandhom iwettqu attivitajiet biex iżidu s-sensibilità pubblika għat-theddida li jimponi l-organiżmu speċifikat. Barra minn hekk, huma għandhom jistabbilixxu wkoll perjodi speċifiċi ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. F'każijiet fejn il-qerda tal-organiżmu speċifikat ma tkunx għadha possibbli, l-Istat Membru għandu jieħu miżuri biex jikkontrollah.

(9) F'ċirkostanzi speċifikati, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li jiddeċiedu li ma jistabbilixxux żoni demarkati u li jillimitaw l-miżuri għall-qerda tal-materjal infestat, iwettqu monitoraġġ intensifikat u traċċjar tal-pjanti marbuta mal-każ ta' infestazzjoni kkonċernat.

(10) L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-miżuri li jkunu ħadu jew li jkunu beħsiebhom jieħdu, kif ukoll dwar ir-raġunijiet għalfejn ma jkunux stabbilixxew żoni demarkati. Kull sena, huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport u jagħtu ħarsa ġenerali effettiva dwar is-sitwazzjoni.

▼B

(11) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2008/840/KE għandha titħassar.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "pjanti speċifikati" tfisser pjanti għat-taħwil li għandhom zokk jew għonq ta' għerq b'dijametru ta' 1 ċm jew aktar fl-eħxen biċċa, minbarra żrieragħ, ta' *Acer* spp., *Aesculus hippocastanum*, *Alnus* spp., *Betula* spp., *Carpinus* spp., *Citrus* spp., *Cornus* spp. *Corylus* spp., *Cotoneaster* spp., *Crataegus* spp., *Fagus* spp., *Lagerstroemia* spp., *Malus* spp., *Platanus* spp., *Populus* spp., *Prunus laurocerasus*, *Pyrus* spp., Rosa spp., *Salix* spp. u *Ulmus* spp.;

(b) "post tal-produzzjoni" tfisser il-post tal-produzzjoni kif imfisser fl-Istandard Internazzjonali tal-FAO għal Miżuri Fitosanitarji (minn issa 'l quddiem "ISPM") Nru 5 ([1]);

(c) "organiżmu speċifikat" jiġifieri *Anoplophora chinensis* (Forster).

Artikolu 2

Importazzjoni tal-pjanti speċifikati li joriġinaw minn pajjiżi terzi ħlief iċ-Ċina

Fir-rigward tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi fejn l-organiżmu speċifikat hu magħruf li huwa preżenti, minbarra ċ-Ċina, il-pjanti speċifikati jistgħu jiġu introdotti biss fl-Unjoni jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-importazzjoni kif imniżżla fil-punt 1 tat-Taqsima 1(A) tal-Anness I;

(b) jekk malli jidħlu fl-Unjoni, jiġu spezzjonati mill-korp uffiċjali responsabbli skont il-punt 2 tat-Taqsima 1(A) tal-Anness I għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat, u ma jkunu nstabu l-ebda sinjali ta' dak l-organiżmu.

Artikolu 3

Importazzjoni tal-pjanti speċifikati li joriġinaw miċ-Ċina

1. Fir-rigward ta' importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina, il-pjanti speċifikati jistgħu jiġu introdotti biss fl-Unjoni jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

([1]) Glossarju ta' Termini Fitosanitarji – Standard ta' Referenza ISPM Nru 5 mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma.

▼B

(a) jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-importazzjoni kif imniżżla fil-punt 1 tat-Taqsima 1(B) tal-Anness I;

(b) jekk malli jidħlu fl-Unjoni jiġu spezzjonati mill-korp uffiċjali responsabbli skont il-punt 2 tat-Taqsima 1(B) tal-Anness I għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat, u ma jkunu nstabu l-ebda sinjali ta' dak l-organiżmu.

(c) il-post tal-produzzjoni ta' dawk il-pjanti:

(i) ikun dežinjat b'numru ta' reġistrazzjoni uniku assenjat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti taċ-Ċina,

(ii) ikun inkluż fl-iktar verżjoni riċenti tar-reġistru kkomunikat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri skont il-paragrafu 3,

(iii) ma jkunx, fis-sentejn ta' qabel, suġġett ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-tneħħija mir-reġistru skont il-paragrafu 3, u

(iv) ma jkunx, fis-sentejn ta' qabel, suġġett ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kif imsemmi fil-paragrafu 4 jew il-paragrafu 5.

2. Madankollu, il-pjanti ta' *Acer* spp. ma għandhomx ikunu introdotti fl-Unjoni sat-30 ta' April 2012.

Mill-1 ta' Mejju 2012, il-paragrafu 1 għandu japplika għall-pjanti ta' *Acer* spp.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri r-reġistru ta' postijiet tal-produzzjoni fiċ-Ċina li l-organizzazzjoni nazzjonali tagħha għall-protezzjoni tal-pjanti stabbilixxiet f'konformità mal-punt 1(b) tat-Taqsima 1(B) tal-Anness I.

Fejn dik l-organizzazzjoni taġġorna r-reġistru minħabba t-tneħħija ta' post tal-produzzjoni jew minħabba li dik l-organizzazzjoni tkun sabet li l-post tal-produzzjoni ma għadux konformi mal-punt 1(b) tat-Taqsima 1(B) tal-Anness I jew minħabba li l-Kummissjoni tkun infurmat liċ-Ċina b'evidenza tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat mal-wasla ta' pjanti speċifikati minn dak il-post tal-produzzjoni, u ċ-Ċina tagħmel il-verżjoni aġġornata tar-reġistru disponibbli għall-Kummissjoni, il-Kummissjoni tikkomunika l-verżjoni aġġornata tar-reġistru lill-Istati Membri.

▼B

Fejn dik l-organizzazzjoni taġġorna r-reġistru billi tinkludi post tal-produzzjoni minħabba li dik l-organizzazzjoni tkun sabet li dak il-post tal-produzzjoni hu konformi mal-punt 1(b) tat-Taqsima 1(B) tal-Anness I u ċ-Ċina tagħmel il-verżjoni aġġornata tar-reġistru disponibbli lill-Kummissjoni kif ukoll l-informazzjoni ta' spjegazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dik il-verżjoni aġġornata u, fejn xieraq, dik l-informazzjoni ta' spjegazzjoni lill-Istati Membri.

Permezz ta' paġni ta' informazzjoni fuq l-Internet, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-reġistru u l-aġġornamenti tiegħu disponibbli għall-pubbliku.

4. Meta matul spezzjoni f'post tal-produzzjoni rreġistrat, kif stipulat fil-punti (ii), (iii) u (iv) tal-punt 1(b) tat-Taqsima 1(B) tal-Anness I, l-organizzazzjoni Ċiniża għall-protezzjoni tal-pjanti ssib evidenza tal-preżenza tal-organiżmu speċifikat u l-Kummissjoni tiġi nnotifikata b'dik is-sejba miċ-Ċina, il-Kummissjoni tikkomunika minnufih dik is-sejba lill-Istati Membri.

Permezz ta' paġni ta' informazzjoni fuq l-Internet, il-Kummissjoni tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

5. Fejn il-Kummissjoni jkollha evidenza minn sorsi oħra għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 li l-post tal-produzzjoni elenkat fir-reġistru mhuwiex konformi mal-punt 1(b) tat-Taqsima 1(B) tal-Anness I jew li l-organiżmu speċifikat instab fuq pjanti speċifikati importati minn tali post tal-produzzjoni, din tikkomunika l-informazzjoni dwar dak il-post tal-produzzjoni lill-Istati Membri.

Permezz ta' paġni ta' informazzjoni fuq l-Internet, il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 4

It-trasport ta' pjanti speċifikati fl-Unjoni

Pjanti speċifikati li joriġinaw f'oqsma demarkati fl-Unjoni stabbiliti skont l-Artikolu 6 jistgħu jiġu ttrasportati fl-Unjoni biss jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1 tat-Taqsima 2 tal-Anness I.

Pjanti speċifikati li ma ġewx imkabbra f'żoni demarkati, iżda huma introdotti fit-tali żoni, jistgħu jiġu ttrasportati fl-Unjoni biss jekk ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2 tat-Taqsima 2 tal-Anness I.

Pjanti speċifikati impurtati skont l-Artikolu 2 u 3 minn pajjiżi terzi fejn l-organiżmu speċifikat hu magħruf li huwa preżenti, jistgħu jiġu ttrasportati fl-Unjoni biss jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Punt 3 tat-Taqsima 2 tal-Anness I.

▼B

Artikolu 5

Stħarriġiet u notifiki tal-organiżmu speċifikat

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġiet uffiċjali kull sena għall-preżenza tal-organiżmu speċifikat jew għall-evidenza ta' infestazzjoni minn dak l-organiżmu fuq il-pjanti ospitanti fit-territorji tagħhom.

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bir-riżultati ta' dawk l-istħarriġiet sat-30 ta' April ta' kull sena.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, l-Istati Membri għandhom, fi żmien ħamest ijiem u bil-miktub, jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-preżenza tal-organiżmu speċifikat f'żona fit-territorju tagħhom fejn dik il-preżenza ma kinitx magħrufa qabel jew fejn l-organiżmu speċifikat kien maħsub li nqered jew fejn l-infestazzjoni nstabet fuq speċi ta' pjanta li qabel ma kinitx magħrufa bħala pjanta ospitanti.

Artikolu 6

Żoni demarkati

1. Meta r-riżultati tal-istħarriġiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) jikkonfermaw il-preżenza tal-organiżmu speċifikat f'xi żona, jew tinstab evidenza tal-preżenza ta' dak l-organiżmu b'xi mezzi oħra, l-Istat Membru kkonċernat jistabbilixxi żona demarkata, mingħajr dewmien, li tikkonsisti f'żona infestata u żona ta' lqugħ, skont it-Taqsima 1 tal-Anness II.

2. L-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jistabbilixxu żoni demarkati, kif stipulat fil-paragrafu 1, jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1 tat-Taqsima 2 tal-Anness II. F'dan il-każ, l-Istati Membri jieħdu miżuri skont kif stabbilit fil-punt 2 ta' dik it-Taqsima.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri fiż-żoni demarkati, kif stipulat fit-Taqsima 3 tal-Anness II.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu perjodi taż-żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 7

Rappurtar dwar il-miżuri

1. L-Istati Membri għandhom, fi żmien 30 jum min-notifika msemmija fl-Artikolu 5(2), jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri li jkunu ħadu jew li jkun beħsiebhom li jieħdu skont l-Artikolu 6.

Ir-rapport għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni taż-żona demarkata, jekk tkun ġiet stabbilita, u informazzjoni dwar fejn tinsab b'mappa li turi d-delimitazzjoni tagħha u informazzjoni dwar l-istat attwali tal-pesti kif ukoll miżuri għall-konformità mar-rekwiżiti dwar it-trasport tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 4.

▼B

Hija għandha tiddeskrivi l-evidenza u l-kriterji li fuqhom issejsu l-miżuri.

F'każijiet fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li ma jistabbilixxux żona demarkata skont l-Artikolu 6(2), ir-rapport għandu jinkludi dejta u raġunijiet ġustifikati.

2. L-Istati Membri jikkomunikaw, sat-30 ta' April ta' kull sena, rapport lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li jkun jinkludi lista aġġornata taż-żoni demarkati kollha stabbiliti skont l-Artikolu 6, inkluża informazzjoni dwar id-deskrizzjoni tagħhom u fejn jinsabu b'mapep li juru d-delimitazzjoni, u miżuri li l-Istati Membri jkunu ħadu jew ikun beħsiebhom jieħdu.

Artikolu 8

Konformità

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u, jekk ikun hemm bżonn, jemendaw il-miżuri li jkunu adottaw biex jipproteġu lilhom infushom kontra d-dħul u l-firxa tal-organiżmu speċifikat b'tali mod li dawn il-miżuri jkunu konformi ma' din id-Deċiżjoni. Huma jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dawk il-miżuri minnufih.

Artikolu 9

Revoka

Id-Deċiżjoni 2008/840/KE hija mħassra.

Artikolu 10

Reviżjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi rriveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2013.

Artikolu 11

Indirizzati

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS I

1. **Rekwiżiti speċifiċi dwar l-importazzjoni**

A. *Importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi ħlief iċ-Ċina*

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness III, il-Parti A(9, 16, 18) u l-Anness IV, il-Parti A(I)(14, 15, 17, 18, 19.2, 20, 22.1, 22.2, 23.1, 23.2, 32.1, 32.3, 33, 34, 36.1, 39, 40, 43, 44, 46) tad-Direttiva 2000/29/KE, il-pjanti speċifikati li joriġinaw minn pajjiżi terzi, ħlief iċ-Ċina, u fejn hi magħrufa l-preżenza tal-organiżmu speċifikat ikunu akkumpanjati b'ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) ta' dik id-Direttiva li taħt it-taqsima "Dikjarazzjoni addizzjonali" jiddikjara:

(a) li l-pjanti jkunu ġew imkabbra tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni li hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini u li jinsabu f'żona ħielsa mill-pesti stabbilita minn dik l-organizzazzjoni skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji. L-isem taż-żona ħielsa mill-pesti għandha tissemma taħt it-taqsima "post ta' oriġini"; jew

▼M1

(b) li l-pjanti jkunu tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, li jkunu tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Anoplophora chinensis* (Forster) skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji:

▼B

(i) li jkun reġistrat u sorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, u

(ii) li kull sena jkun ġie soġġett għal tal-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali li jsiru bir-reqqa, għal kull sinjal tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) li jitwettqu fi żmien xieraq u li ma jsibu l-ebda sinjali tal-organiżmu; u

(iii) fejn il-pjanti jkunu ġew imkabbra f'sit:

— bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-*Anoplophora chinensis* (Forster); jew

— bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawra b'żona ta' lqugħ b'raġġ ta' mill-inqas żewġ km fejn darba fis-sena u fi żmien xieraq, jitwettqu l-istħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster). F'każ li jinstabu sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), għandhom jittieħdu miżuri preventivi biex iż-żona ta' lqugħ tinħeles mill-ġdid mill-pesti; u

(iv) fejn, immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-kunsinni tal-pjanti jkunu suġġetti għal spezzjoni uffiċjali li ssir bir-reqqa, għall-preżenza tal-organiżmu speċifika, b'mod partikolari fl-għeruq u z-zkuk tal-pjanti. Din l-ispezzjoni tinkludi l-kampjun distruttiv fil-mira. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni jkun tali li jippermetti mill-inqas is-sejba ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %. jew

(c) li l-pjanti ġew imkabbra minn riżomi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (b), imlaqqma bi friegħi għat-tilqim li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) fil-mument tal-esportazzjoni, il-friegħi għat-tilqim mlaqqma ma jkunux ta' dijametru akbar minn 1 ċm fl-eħxen punt tagħhom;

(ii) il-pjanti mlaqqma jkunu ġew spezzjonati skont il-punt (b)(iv).

▼B

2. Pjanti speċifikati impurtati skont il-punt 1 għandhom jiġu spezzjonati bir-reqqa fil-punt tad-dħul jew fil-post tad-destinazzjoni stabbilit skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE ([1]). Il-metodi ta' spezzjoni applikati għandhom jiżguraw is-sejba ta' kwalunkwe sinjali tal-organiżmu speċifikat, b'mod partikolari fl-għeruq u z-zkuk tal-pjanti. Din l-ispezzjoni tinkludi l-kampjun distruttiv fil-mira. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti mill-inqas is-sejba ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %.

B. *Oġġetti impurtati li joriġinaw fiċ-Ċina*

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness III, il-Parti A(9, 16, 18) u l-Anness IV, il-Parti A(I)(14, 15, 17, 18, 19.2, 20, 22.1, 22.2, 23.1, 23.2, 32.1, 32.3, 33, 34, 36.1, 39, 40, 43, 44, 46) tad-Direttiva 2000/29/KE, pjanti speċifikati li joriġinaw miċ-Ċina għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) ta' dik id-Direttiva li tiddikjara taħt it-taqsima "Dikjarazzjoni Addizzjonali" li:

(a) l-pjanti ġew imkabbra tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni li hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti fiċ-Ċina u li jinsabu f'żona ħielsa mill-pesti stabbilita minn dik l-organizzazzjoni skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. L-isem taż-żona ħielsa mill-pesti għandha tissemma fit-taqsima "post ta' oriġini"; jew

▼M1

(b) li l-pjanti jkunu tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, li jkunu tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Anoplophora chinensis* (Forster) skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji:

▼B

(i) li jkun reġistrat u sorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti taċ-Ċina; u

(ii) li kull sena jkunu ġew soġġetti għal tal-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali għal kull sinjal tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) li jitwettqu fi żmien xieraq u li ma jkun nstab l-ebda sinjal tal-organiżmu; u

(iii) fejn il-pjanti jkunu ġew imkabbra f'sit:

— bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-*Anoplophora chinensis* (Forster); jew

— bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawra b'żona ta' lqugħ b'raġġ ta' mill-inqas żewġ km fejn darba fis-sena u fi żmien xieraq jitwettqu l-istħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster). F'każ li jinstabu sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), jittieħdu miżuri ta' qerda biex iż-żona ta' lqugħ tinħeles mill-ġdid mill-pesti; u

([1]) ĠU L 313, 12.10.2004, p. 16.

▼B

(iv) fejn immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-kunsinni tal-pjanti kienu suġġetti għal spezzjoni uffiċjali li tkun saret bir-reqqa, inklużi l-kampjuni distruttivi fil-mira fuq kull lott, għall-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), b'mod partikolari fl-għeruq u z-zkuk tal-pjanti;

Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti mill-inqas is-sejba ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %; jew

(c) li l-pjanti ġew imkabbra minn riżomi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (b), imlaqqma bi frieġħi għat-tilqim li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) fil-mument tal-esportazzjoni, il-frieġħi għat-tilqim mlaqqma ma jkunux ta' dijametru akbar minn 1 ċm fl-eħxen punt tagħhom;

(ii) il-pjanti mlaqqma jkunu ġew spezzjonati skont il-punt (b)(iv);

(d) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-post tal-produzzjoni.

2. Pjanti speċifikati impurtati skont il-punt 1 għandhom jiġu spezzjonati b'mod metikoluż fil-punt tad-dħul jew fil-post tad-destinazzjoni stabbilit skont id-Direttiva 2004/103/KE. Il-metodi ta' spezzjoni applikati, inklużi l-kampjuni distruttivi fil-mira fuq kull lott, għandhom jiżguraw is-sejba ta' kwalunkwe sinjali tal-organiżmu speċifikat, b'mod partikolari fl-għeruq u z-zkuk tal-pjanti. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti mill-inqas is-sejba ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %.

Il-kampjunar distruttiv imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu jsir fuq il-livell stabbilit fit-tabella li ġejja:

Numru ta' pjanti fil-lott	Livell ta' kampjunar distruttiv (numru ta' pjanti li għandhom jinqatgħu)
1 – 4 500	10 % tad-daqs tal-lott
> 4 500	450

2. **Kundizzjonijiet għat-trasport**

▼M1

1. Il-pjanti speċifikati li joriġinaw [1] f'żoni demarkati fl-Unjoni jistgħu jiġu ttrasportati fl-Unjoni biss jekk ikollhom magħhom passaport tal-pjanti mħejji u maħruġ skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE [2] u jekk ikunu tkabbru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel il-moviment, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, jekk ikunu tkabbru tul ħajjithom kollha f'post tal-produzzjoni:

▼B

(i) li jiġi rreġistrat skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/90/KEE [3]; u

(ii) li kull sena jkunu ġew suġġetti għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali li jkunu saru bir-reqqa, għal kull sinjal tal-organiżmu speċifikat, u li jittwettqu fi żmien xieraq u li ma jkunu nstabu l-ebda sinjali tal-organiżmu; fejn xieraq, din l-ispezzjoni tinkludi kampjunar distruttiv fil-mira tal-għeruq u z-zkuk tal-pjanti; id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti mill-inqas is-sejba ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %; u

[1] Glossarju ta' Termini Fitosanitarji – Standard ta' Referenza ISPM Nru 5 u ċertifikati Fitosanitarji – Standard ta' Referenza ISPM Nru 12 mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma.

[2] ĠU L 4, 8.1.1993, p. 22.

[3] ĠU L 344, 26.11.1992, p. 38.

▼B

(iii) li jkun jinsab f'żona demarkata fejn il-pjanti ġew imkabbra f'sit:

— bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-organiżmu speċifikat; jew

— bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa jew fejn isir kampjunar distruttiv fil-mira fuq kull lott ta' pjanti speċifikati qabel it-trasport fil-livell stabbilit fit-tabella fil-punt 2 tal-Parti B tat-Taqsima 1 u, f'kull każ, fejn stħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew għal sinjali tal-organiżmu speċifikat isiru kull sena f'raġġ ta' mill-inqas 1 km madwar is-sit fi żminijiet xierqa u ma jinstab l-ebda organiżmu speċifikat jew sinjali tiegħu.

Riżomi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ewwel paragrafu jistgħu jitlaqqmu bi friegħi għat-tilqim li ma jkunux ġew imkabbra taħt dawn il-kundizzjonijiet, iżda li ma jkunux ta' dijametru akbar minn 1 ċm fl-eħxen punt tagħhom.

2. Pjanti speċifikati li joriġinaw ([1]) f'żoni demarkati, iżda introdotti f'post tal-produzzjoni fit-tali żoni, jistgħu jiġu trasportati fl-Unjoni bil-kundizzjoni li dan il-post tal-produzzjoni jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 ittra (iii) u biss jekk il-pjanti jkunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti mħejji u maħruġ skont id-Direttiva 92/105/KEE.

3. Pjanti speċifikati importati minn pajjiżi terzi fejn hija magħrufa l-preżenza tal-organiżmu speċifikat skont it-Taqsima 1 jistgħu jiġu trasportati fl-Unjoni biss jekk ikunu akkumpanjati mill-passaport tal-pjanti msemmi fil-punt 1.

([1]) Glossarju ta' Termini Fitosanitarji – Standard ta' Referenza ISPM Nru 5 u ċertifikati Fitosanitarji – Standard ta' Referenza ISPM Nru 12 mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma.

▼B

ANNESS II

L-ISTABBILIMENT TA' ŻONI DEMARKATI U MIŻURI, KIF STIPULAT FL-ARTIKOLU 6

1. **Definizzjoni ta' żoni demarkati**

1. Iż-żoni demarkati jikkonsistu miż-żoni li ġejjin:

   (a) żona infestata fejn il-preżenza tal-organiżmu speċifiku ġiet ikkonfermata u li tinkludi l-pjanti kollha li juru sintomi kkawżati mill-organiżmu speċifiku, u fejn xieraq, il-pjanti kollha li kienu jagħmlu parti mill-istess lott fiż-żmien tat-tħawwil; u

   (b) żona ta' lqugħ b'raġġ ta' mill-inqas 2 km lilhinn minn dik taż-żona infestata.

2. Id-delimitazzjoni eżatta taż-żoni għandha tkun ibbażata fuq prinċipji xjentifiċi, il-bijoloġija tal-organiżmu speċifikat, il-livell ta' infestazzjoni, id-distribuzzjoni partikolari tal-pjanti ospitanti fiż-żona kkonċernata u l-evidenza tal-istabbiliment tal-organiżmu speċifikat. F'każijiet fejn il-korp responsabbli uffiċjali jikkonkludi li l-qerda tal-organiżmu speċifikat hija possibbli, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi tat-tifqigħa, ir-riżultati tal-investigazzjoni speċifika jew l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri għall-qerda, ir-raġġ taż-żona ta lqugħ jista' jitnaqqas għal mhux inqas minn 1 km lilhinn mill-fruntiera taż-żona infestata. F'każijiet fejn il-qerda tal-organiżmu speċifikat ma tkunx għadha possibbli, ir-raġġ ma jistax jitnaqqas għal inqas minn 2 km.

3. Jekk tiġi kkonfermata l-preżenza tal-organiżmu speċifikat 'il barra miż-żona infestata, id-delimitazzjoni taż-żona infestata u taż-żona ta' lqugħ għandha tiġi rriveduta u mibdula kif xieraq.

4. Fejn f'żona demarkata, ibbażata fuq stħarriġiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) u dwar il-monitoraġġ msemmi fil-punt 1(h) tat-Taqsima 3 tal-Anness II, l-organiżmu speċifikat ma jinstabx għal perjodu li jinkludi mill-inqas ċiklu wieħed ta' ħajja u sena addizzjonali iżda f'kull każ mhux inqas minn erba' snin konsekuttivi, din id-demarkazzjoni tkun tista' titneħħa. It-tul eżatt ta' ċiklu ta' ħajja jiddependi minn evidenza li hija disponibbli għaż-żona kkonċernata jew żona ta' klima simili. Id-demarkazzjoni tista' titneħħa wkoll f'każijiet fejn, wara investigazzjoni ulterjuri, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1 tat-Taqsima 2 ikunu ġew sodisfatti.

2. **Il-kundizzjonijiet skont liema ma hemm bżonn tiġi stabbilita l-ebda żona demarkata**

1. Skont l-Artikolu 6(2) l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jistabbilixxu żona demarkata, kif stipulat fl-Artikolu 6(1), fejn il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

   (a) hemm evidenza jew li l-organiżmu speċifikat ġie introdott fiż-żona mal-pjanti li nstab fuqhom u hemm indikazzjoni li dawk il-pjanti kienu infestati qabel l-introduzzjoni tagħhom fiż-żona kkonċernata, jew li hija sejba iżolata, immedjatament assoċjata ma' pjanta speċifikata jew le, mhux mistennija li twassal għal stabbiliment; u

   (b) huwa aċċertat li ma hemm l-ebda stabbiliment tal-organiżmu speċifikat u li l-firxa u t-tgħammir b'suċċess tal-organiżmu speċifikat mhumiex possibbli minħabba l-bijoloġija tiegħu u b'kunsiderazzjoni tar-riżultati ta' investigazzjoni speċifika u miżuri qerrieda li jistgħu jikkonsistu fil-qtugħ bħala prekawzjoni u r-rimi tal-pjanti speċifikati inklużi l-għeruq tagħhom wara li jkunu ġew eżaminati.

▼B

2. Meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1, l-Istati Membri ma jkollhomx għalfejn jistabbilixxu żoni demarkati, dejjem jekk jieħdu dawn il-miżuri li ġejjin:

(a) miżuri immedjati biex tiġi żgurata l-qerda minnufih tal-organiżmu speċifikat u biex tiġi eskluża l-possibilità tal-firxa tiegħu;

(b) monitoraġġ matul il-perjodu li jkopri mill-inqas ċiklu wieħed tal-ħajja tal-organiżmu speċifikat u sena addizzjonali inkluż il-monitoraġġ f'mill-inqas erba' snin konsekuttivi, f'raġġ ta' mill-inqas 1 km madwar il-pjanti infestati jew il-post fejn instab l-organiżmu speċifikat; għallinqas għall-ewwel sena l-monitoraġġ ikun regolari u intensiv;

(c) il-qerda ta' kull materjal infestat tal-pjanti;

(d) it-traċċjar b'lura għall-oriġini tal-infestazzjoni u t-traċċjar tal-pjanti marbut mal-każ ta' infestazzjoni kkonċernata safejn hu possibbli u l-eżaminar tagħhom għal kull sinjal ta' infestazzjoni; l-eżaminar jinkludi l-kampjun distruttiv fil-mira;

(e) attivitajiet li jwasslu għas-sensibilizzazzjoni pubblika dwar it-theddid li jġib miegħu l-organiżmu;

(f) kull miżura oħra li tista' tikkontribwixxi għall-qerda tal-organiżmu speċifikat, b'kunsiderazzjoni tal-ISPM Nru 9 ([1]) u bl-applikazzjoni ta' approċċ integrat skont il-prinċipji stipulati fl-ISPM Nru 14 ([2]).

Il-miżuri msemmija fil-punti minn (a) sa (f) jiġu ppreżentati f'forma ta' rapport li għalih hemm referenza fl-Artikolu 7.

3. **Il-miżuri li għandhom jittieħdu fiż-żoni demarkati**

1. Fiż-żoni demarkati, l-Istati Membri jieħdu dawn il-miżuri li ġejjin sabiex jeqirdu l-organiżmu speċifikat:

(a) it-tneħħija immedjata tal-pjanti infestati u pjanti b'sintomi kkawżati mill-organiżmu speċifikat, u t-tneħħija sħiħa tal-għeruq tagħhom; f'każijiet fejn il-pjanti infestati nstabu 'l barra mill-perjodu volatili tal-organiżmu speċifikat, dawn għandhom jinqatgħu u jitneħħew qabel ma jibda l-perjodu li jkun imiss; f'każijiet eċċezzjonali fejn korp uffiċjali responsabbli jikkonkludi li tali qtugħ ma jkunx xieraq, tkun tista' tiġi applikata miżura qerrieda oħra li toffri l-istess livell ta' protezzjoni kontra l-firxa tal-organiżmu speċifikat; ir-raġunijiet għal dik il-konklużjoni u d-deskrizzjoni tal-miżura għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 7;

(b) il-qtugħ ta' kull pjanta speċifikata f'raġġ ta' 100 m madwar il-pjanti infestati u l-eżaminar ta' dawk il-pjanti speċifikati għal kull sinjal ta' infestazzjoni; f'każijiet eċċezzjonali fejn il-korp uffiċjali responsabbli jikkonkludi li dan il-qtugħ ma jkunx xieraq, l-eżaminar individwali dettaljat għal kull sinjal ta' infestazzjoni ta' dawn il-pjanti speċifikati kollha f'dak ir-raġġ li ma jkunux se jiġu maqtugħa, u l-applikazzjoni, fejn xieraq, ta' miżuri li jipprevjenu l-firxa tal-organiżmu speċifikat minn dawk il-pjanti;

(c) it-tneħħija, l-eżaminar u r-rimi tal-pjanti maqtugħa skont il-punti (a) u (b) u tal-għeruq; bil-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi evitat it-tixrid tal-organiżmu speċifikat matul u wara l-qtugħ;

([1]) Linji gwida għall-programmi ta' qerda tal-pesti — Standard ta' Referenza ISPM Nru 9 tas-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma.

([2]) L-użu ta' miżuri integrati f'approċċ sistematiku għall-kontroll tar-riskju ta' pesti — Standard ta' Referenza ISPM Nru 14 tas-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma.

▼B

(d) il-prevenzjoni ta' kull trasport ta' materjal potenzjalment infestat 'il barra miż-żona demarkata;

(e) it-traċċjar b'lura għall-oriġini tal-infestazzjoni u t-traċċjar tal-pjanti marbut mal-każ ta' infestazzjoni kkonċernata safejn hu possibbli u l-eżaminar ta' dawn għal kull sinjal ta' infestazzjoni; l-eżaminar jinkludi l-kampjun distruttiv fil-mira;

(f) fejn xieraq, it-tibdil tal-pjanti speċifikati bi pjanti oħra;

(g) il-projbizzjoni li jitħawlu pjanti speċifikati ġodda fil-miftuħ fiż-żona msemmija fil-punt 1(b) tat-Taqsima 3 tal-Anness II, ħlief għall-postijiet tal-produzzjoni msemmija fit-Taqsima 2 tal-Anness I;

(h) monitoraġġ intensiv għall-preżenza ta' organiżmu speċifikat permezz ta' spezzjonijiet annwali f'ħinijiet xierqa fuq il-pjanti ospitanti, b'attenzjoni partikolari fuq iż-żona ta' lqugħ, inkluż il-kampjunar distruttiv fil-mira fejn, ikun xieraq; in-numru ta' kampjuni jiġi indikat fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 7;

(i) attivitajiet li jwasslu għas-sensibilizzazzjoni pubblika dwar it-theddid li jġib miegħu dak l-organiżmu u l-miżuri adottati biex dan ma jiddaħħalx u ma jinxteridx fl-Unjoni, inklużi l-kundizzjonijiet dwar it-trasport tal-pjanti speċifikati miż-żona demarkata, stabbiliti skont l-Artikolu 6;

(j) fejn ikun hemm bżonn, miżuri speċifiċi li jindirizzaw kwull sitwazzjoni partikolari jew kumplikazzjoni li tista' tkun mistennija li twaqqaf, tfixkel, jew iddewwem il-qerda, partikolarment dawk marbuta mal-aċċessibbiltà u l-qerda xierqa tal-pjanti kollha li jkunu infestati jew li jkun hemm suspett li huma infestati, ikunu fejn ikunu, humiex tal-pubbliku jew tal-privat, jew hi min hi l-persuna jew l-entità li hi responsabbli għalihom;

(k) kull miżura oħra li tista' tikkontribwixxi għall-qerda tal-organiżmu speċifikat, b'kunsiderazzjoni tal-ISPM Nru 9 ([1]) u bl-applikazzjoni ta' approċċ integrat skont il-prinċipji stipulati fl-ISPM Nru 14 ([2]).

Il-miżuri msemmija fil-punti minn (a) sa (k) jiġu ppreżentati f'forma ta' rapport li għalih hemm referenza fl-Artikolu 7.

2. Meta r-riżultati tal-istħarriġiet imsemmija fl-Artikolu 5 ta' matul aktar minn erba' snin konsekuttivi jkunu kkonfermaw il-preżenza tal-organiżmu speċifikat f'żona u f'każ li jkun hemm evidenza li l-organiżmu speċifikat ma jistax aktar jinqered, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-miżuri biex l-organiżmu speċifikat jinżamm f'dik iż-żona. Miżuri bħal dawn jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) il-qtugħ tal-pjanti infestati u pjanti b'sintomi kkawżati mill-organiżmu speċifikat, u t-tneħħija sħiħa tal-għeruq tagħhom; ix-xogħlijiet ta' qtugħ jibdew minnufih, iżda f'każijiet fejn il-pjanti infestati nstabu 'l barra mill-perjodu volatili tal-organiżmu speċifikat, dawn għandhom jinqatgħu u jitneħħew qabel ma jibda l-perjodu li jkun imiss; f'każijiet eċċezzjonali fejn korp uffiċjali responsabbli jikkonkludi li tali qtugħ ma jkunx xieraq, tkun tista' tiġi applikata miżura qerrieda oħra li toffri l-istess livell ta' protezzjoni kontra l-firxa tal-organiżmu speċifikat; ir-raġunijiet għal dik il-konklużjoni u d-deskrizzjoni tal-miżura għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 7;

([1]) Linji gwida għall-programmi ta' qerda tal-pesti — Standard ta' Referenza ISPM Nru 9 tas-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma.

([2]) L-użu ta' miżuri integrati f'approċċ sistematiku għall-kontroll tar-riskju ta' pesti — Standard ta' Referenza ISPM Nru 14 tas-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma.

▼B

(b) it-tneħħija, l-eżaminazzjoni u r-rimi ta' pjanti maqtugħa u tal-għeruq tagħhom; bil-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi evitat it-tixrid tal-organiżmu speċifikat wara l-qtugħ;

(c) il-prevenzjoni ta' kull trasport ta' materjal potenzjalment infestat 'il barra miż-żona demarkata;

(d) fejn xieraq, it-tibdil tal-pjanti speċifikati bi pjanti oħra;

(e) il-projbizzjoni li jitħawlu pjanti speċifikati ġodda fil-miftuħ f'żona infestata msemmija fil-punt 1(a) tat-Taqsima 1 tal-Anness II, ħlief għall-postijiet tal-produzzjoni msemmija fit-Taqsima 2 tal-Anness I;

(f) monitoraġġ intensiv għall-preżenza ta' organiżmu speċifikat permezz ta' spezzjonijiet annwali f'ħinijiet xierqa fuq il-pjanti ospitanti, inkluż fejn ikun xieraq il-kampjunar distruttiv fil-mira; in-numru ta' kampjuni jiġi indikat fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 7;

(g) attivitajiet li jwasslu għas-sensibilizzazzjoni pubblika dwar it-theddid li jġib miegħu dak l-organiżmu u l-miżuri adottati biex dan ma jiddaħħalx u ma jinxteridx fl-Unjoni, inklużi l-kundizzjonijiet dwar it-trasport tal-pjanti speċifikati miż-żona demarkata, stabbiliti skont l-Artikolu 6;

(h) fejn ikun hemm bżonn, miżuri speċifiċi li jindirizzaw kull sitwazzjoni partikolari jew kumplikazzjoni li tista' tkun mistennija li twaqqaf, tfixkel, jew iddewwem il-konteniment, partikolarment dawk marbuta mal-aċċessibbiltà u l-qerda xierqa tal-pjanti kollha li jkunu infestati jew li jkun hemm suspett li huma infestati, ikunu fejn ikunu, humiex tal-pubbliku jew tal-privat, jew hi min hi l-persuna jew l-entità li hi responsabbli tagħhom;

(i) kull miżura oħra li tista' tgħin fil-konteniment tal-organiżmu indikat;

Il-miżuri msemmija fil-punti minn (a) sa (i) jiġu ppreżentati f'forma ta' rapport li għalih hemm referenza fl-Artikolu 7.